**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Marzu 2012 (20.03)**

| **Fajls Interistituzzjonali:** |
|---|
| **2011/0269 (COD)** |
| **2011/0268 (COD)** |

**15440/11**
**ADD 2 REV 1**
**(bg,cs,da,el,es,mt,nl,pl,pt,ro)**

| | |
|---|---|
| **SOC** | **867** |
| **ECOFIN** | **678** |
| **FSTR** | **56** |
| **COMPET** | **440** |
| **REGIO** | **92** |
| **CADREFIN** | **97** |
| **CODEC** | **1672** |

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| Nru dok. Cion: | SEC(2011) 1131 final/2 |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT li jakkumpanja d-dokument għal Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż **verżjoni ġdida** tad-dokument SEC(2011) 1131 final.

Mehmuż: SEC(2011) 1131 final/2

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 14.3.2012
SEC(2011) 1131 final /2

CORRIGENDUM
Annule et remplace le document SEC(2011)1131 du 6/10/2011
Concerne les versions linguistiques suivantes : BG, CS, DA, EL, ES, MT, NL, PL, PT, RO.
Révision linguistique.

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

***li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006**

{COM(2011) 607 final}
{SEC(2011) 1130 final}

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### KWISTJONIJIET TA' PROĊEDURA U KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-Fond Soċjali Ewropew huwa kopert mill-Qafas Strateġiku Komuni flimkien mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd. Dawn l-istrumenti finanzjarji huma rregolati permezz ta' regolament li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006. (Regolament tad-dispożizzjonijiet komuni). Kemm għar-Regolament tad-dispożizzjonijiet komuni kif ukoll għar-regolamenti speċifiċi, tlestew valutazzjonijiet tal-impatt li jiddiskutu l-valur miżjud Ewropew, il-prestazzjoni u t-twettiq tal-politika, Għall-valutazzjoni tal-impatt tal-FSE, l-iffukar qiegħed fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument għall-ġejjieni u fuq aspett speċifiku wieħed tas-simplifikazzjoni, bażikament il-forma tal-kontabilità tal-ispejjeż. Aspetti oħrajn huma koperti mill-istima tal-impatt għar-Regolament tad-dispożizzjonijiet komuni.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-FSE tiddiskuti wkoll l-artikolazzjoni bejn l-istrumenti finanzjarji disponibbli għad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, notevolment l-FSE nnifisha, il-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni, il-programm PROGRESS, l-EURES u u l-Faċilità Mikrofinanzjarja PROGRESS.

### 1.1. Konsultazzjoni u għarfien espert

Twettqu konsultazzjonijiet pubbliċi estensivi kemm fuq il-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi [1] u b'mod speċifiku għall-FSE. Il-grupp ad-hoc tal-Kumitat tal-FSE pprovda parir espert fuq il-ġejjieni tal-Fond Soċjali Ewropew. Dan il-grupp informali ta' esperti mill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali ltaqgħu seba' darbiet bejn Diċembru 2009 u Marzu 2011. Barra minn hekk, kuntatti permanenti tax-xogħol ma' awtoritajiet tal-ġestjoni u ma' partijiet interessati oħra (pereżempju permezz tal-kumitati ta' monitoraġġ għall-programmi tal-FSE jew il-Grupp

[1] Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt tar-Regolamenttad-Dispożizzjonijiet Komuni.

ta' Ħidma Teknika tal-FSE) għenu fil-kisba ta' għarfien dwar id-diffikultajiet u t-tħassib ta' kuljum ta' matul il-proċess ta' implimentazzjoni.

Il-konferenza 'Shaping the future of the ESF — ESF & Europe 2020' li saret ġewwa Brussell fit-23 u l-24 ta' Ġunju 2010 laqqgħet flimkien aktar minn 450 rappreżentant għoli mill-awtoritajiet pubbliċi, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali u tal-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi[2]. F'Diċembru 2010, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-imsieħba soċjali ġew ikkonsultati speċifikament dwar il-futur tal-FSE.

Fis-7 ta' Ottubru 2010, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjonijiet dwar il-futur ta' politika ta' koeżjoni[3] u l-FSE[4]. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (fil-15 ta' Marzu 2011[5]) kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni (fit-30 ta' Marzu 2011[6]) adottaw opinjonijiet ta' esplorazzjoni fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, kemm il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO)[7] u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC)[8] ħarġu opinjonijiet bħalma għamel il-Kumitat tal-FSE f'Ġunju 2010 u Marzu 2011[9].

Fil-25 u s-26 ta' Jannar 2011 u t-8 ta' Marzu 2011 ġew organizzati żewġ konferenzi tal-partijiet interessati[10] sabiex ġie diskuss l-futur tal-FEG. F'Awwissu u Ottubru 2010 u fi Frar 2011 inkiseb parir espert permezz ta' kwestjonarji. Saru laqgħat tal-esperti f'Settembru 2010 u f'Marzu 2011. F'Settembru 2010, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni[11] dwar il-funzjonament u l-finanzjament tal-FEG.

Bħala parti mir-reviżjoni tal-programm attwali PROGRESS, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni f'żewġ fażijiet: grupp ta' ħidma li jlaqqa' flimkien ir-rappreżentanti ewlenin tal-partijiet interessati tal-programm[12] u konsultazzjoni pubblika fuq l-internet li twettqet bejn April u Mejju 2011. Matul il-laqgħat tal-2011 tal-Grupp ta' Ħidma tal-EURES u l-Kapijiet tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg (PES) kien hemm diskussjonijiet speċifiċi dwar il-futur tal-EURES.

---

2 Ir-rapport tal-konferenza huwa disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/employment_social/esf/docs/100907-conference-report-final_en.pdf.

3 http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P7-TA-2010-0356&language=EN&ring=B7-2010-0539.

4 http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2010-0357+0+DOC+XML+V0//EN.

5 http://www.toad.eesc.europa.eu/AgendaDocuments.aspx?pmi=ha5jDW%2bOWSEKS2CtbtA2nl2VJruX4mnzBdsQyM7Dy60%3d.

6 http://www.cor.europa.eu/pages/PressTemplate.aspx?view=detail&id=b0a92bb4-7fbd-4cea-aade-1cf0a26429aa.

7 http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=115&langId=en.

8 http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/empl/dv/empl_spc_on_esf_/empl_spc_on_esf_en.pdf.

9 http://ec.europa.eu/esf/main.jsp?catId=445&langId=en.

10 http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=326&langId=en&eventsId=320&furtherEvents=yes.

11 http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=REPORT&reference=A7-2010-0236&language=MT.

12 Awtoritajiet nazzjonali, imsieħba soċjali u netwerks fil-livell tal-UE tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Grupp iltaqa' darbtejn f'Jannar u Frar 2011. .

## DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Is-soċjeta madwar l-Ewropa hija kkonfrontata b'bosta sfidi li jirriżultaw minn kompetizzjoni globali dejjem akbar, il-pass mgħaġġel tal-progress teknoloġiku, ix-xejriet demografiċi, u l-bidla fil-klima[13]. Dawn l-isfidi ġew aggravati bil-kriżi finanzjarja u ekonomika riċenti, u wasslu għal livelli rekord ta' qgħad f'uħud mill-Istati Membri, speċjalment fost l-aktar gruppi vulnerabbli u ż-żgħażagħ. Fl-istess ħin, nuqqasijiet ta' ħiliet u mobilità baxxa fix-xogħol għadhom jippersistu.

Bosta Stati Membri u reġjuni qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex itemmu t-tranżizzjoni għal attivitajiet aktar kompetittivi, u għad hemm diverġenzi konsiderevoli fl-impjieg, l-inklużjoni soċjali, il-livelli tas-saħħa u d-disponibilità tal-edukazzjoni u l-aċċessibilità għaliha.

Il-kriżi enfasizzat ukoll ir-rabtiet mill-qrib u l-effetti mifruxa bejn l-ekonomiji tal-EU-27, b'mod partikolari fiż-żona ewro, li jfisser li r-riformi jew in-nuqqas tagħhom f'pajjiż wieħed, jaffettwaw il-prestazzjoni tal-oħrajn. L-appoġġ finanzjarju Ewropew jista' jgħin fil-kordinament ta' sforzi għall-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, tagħlim tul il-ħajja effettiv, strumenti li jippromwovu l-mobilità tax-xogħol u sistemi adegwati tas-sigurtà soċjali. Meħtieġa azzjoni fil-livell Ewropew, aktar u aktar peress li n-nuqqas ta' koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali se jxekkel l-iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni Ewropea u jwaqqa' l-leġittimità tal-Unjoni f'għajnejn iċ-ċittadini tagħha.

Sabiex tiġi żgurata protezzjoni ugwali għaċ-ċittadini Ewropej fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fis-setturi meqjusa f'riskju u għall-kategoriji ta' ħaddiema li huma l-aktar vulnerabbli (iż-żgħażagħ, il-ħaddiema b'kuntratti b'terminu fiss, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, migranti, eċċ.), hemm bżonn li l-leġiżlazzjoni tal-UE tissaħħaħ.

Il-partijiet interessati, l-evalwazzjonijiet u l-istudji ġeneralment jaqblu li l-istrumenti varji jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali. Filwaqt li huwa diffiċli li jiġi kkwantifikat il-valur miżjud Ewropew tal-appoġġ Ewropew, l-analiżi kwalitattiva tipprovdi evidenza konvinċenti li l-FSE għamlet differenza mhux biss f'termini tal-kwalità tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari f'bosta Stati Membri u reġjuni li għadhom lura, iżda wkoll f'termini ta' kwantità.

Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni, l-istampa mhix waħda uniformi. Fil-perjodu attwali, il-programmi FSE bdew tard u r-rati attwali tal-ħlas huma ferm anqas minn dawk fl-istess żmien fil-perjodu ta' programmar ta' qabel. Ir-rati tal-iżball naqsu iżda għadhom xorta waħda 'l fuq mil-livell tal-materjalità stabbilit mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u dan juri li għad baqa' xi jsir sabiex l-implimentazzjoni tiġi ssimplifikata u ffaċilitata. Fir-rigward tal-FEG, dan ġie kkonċepit bħala strument ta' emerġenza, u filwaqt li l-arranġamenti tiegħu huma tabilħaqq ferm flessibbli fl-għajnuna li jagħtu lill-ħaddiema affettwati bir-ristrutturazzjoni, il-medja tal-ħin tal-iskjerament ta' 11-il xahar għandha bżonn titnaqqas. L-istrumenti differenti tal-ġestjoni diretta ibatu għax jiġu implimentati f'iżolament minn xulxin u mill-FSE, għalkemm il-partijiet interessati u l-esperti jikkonfermaw li bosta mill-għanijiet li dawn għandhom l-ħsieb li jiksbu huma rilevanti b'mod ġenerali.

**Azzjoni mill-UE** hija ġġustifikata fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-

[13] COM(2010) 2020.

Artikolu 175 tat-TFUE, li espliċitament jitlob lill-UE biex issegwi dawn l-oġġettivi permezz tal-Fondi Strutturali u l-miri tal-Fond Strutturali Ewropew (FSE), definit fl-Artikolu 162 tat-TFUE. Il-bażi legali għall-FEG hija t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-TFUE, li jipprevedi għal azzjonijiet speċifiċi oħrajn lil hinn mill-Fondi Strutturali. Il-bażi legali għall-programm **PROGRESS** huma l-Artikolu 149 u l-Artikolu 153 tat-TFUE, li jipprovdu għall-kordinament tal-impjieg u l-politiki soċjali[14]. Il-bażi legali attwali għall-**Mikrofinanzjament** għall-**Progress** hija t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-TFUE. Il-**EURES** huwa bbażat fuq l-Artikolu 45 tat-TFUE, li għandu l-għan li jiżgura l-libertà ta' moviment tal-ħaddiema, waħda mill-erba' libertajiet minquxa fit-TFUE.

**GĦANIJIET**

L-għan ġenerali tal-istrumenti finanzjarji għall-promozzjoni tas-suq tax-xogħol u tal-inklużjoni soċjali huwa li jappoġġjaw lill-UE fl-iżvilupp ta' ***ekonomija inklużiva, sostenibbli u intelliġenti li tikseb livelli għolja ta' impjieg, produttività u koeżjoni soċjali***, jiġifieri li tikkontribwixxi b'mod sħiħ għall-Istrateġija Ewropa 2020, skont l-Att dwar is-Suq Uniku ta' April 2011[15].

## 1.2. Għanijiet speċifiċi

Flimkien mal-għanijiet speċifiċi ġenerali tal-iżgurar tal-konsistenza bejn l-istrumenti varji, kull strument għandu l-għanijiet speċifiċi tiegħu.

Għall-FSE, dawn huma l-promozzjoni (i) tal-impjiegi u l-mobilità, (ii) tal-ħiliet tat-taħriġ/tal-edukazzjoni, (iii) tal-inklużjoni soċjali, u (iv) tal-kapaċità istituzzjonali. Dawn se jiġu segwiti permezz tal-erba' indikaturi u miri tal-EU 2020 li huma direttament relevanti għas-suq tax-xogħol / għall-istrumenti tal-inklużjoni soċjali. Il-miri fil-livell tal-UE għall-FSE ma jistgħux jiġi stabbiliti peress li l-implimentazzjoni ssegwi programmi operattivi nazzjonali u reġjonali. L-FSE u l-FEG jikkontribwixxu wkoll indirettament għal għanijiet oħra tal-politika bħat-tranżizzjoni għal ekonomija b'karbonju baxx u reżistenti għat-tibdil fil-klima u l-aġenda diġitali.

L-għan speċifiku għall-FEG huwa li jappoġġja lill-ħaddiema li sfaw bla xogħol minħabba bidla strutturali kbira.

Għall-istrumenti taħt ġestjoni diretta, l-għanijiet speċifiċi huma meħuda mill-bażijiet legali li jiġġustifikaw l-azzjonijiet tal-UE u se jiġu riflessi fil-proposti leġiżlattivi. Għal din il-valutazzjoni tal-impatt, l-aktar għan rilevanti speċifiku huwa dak ta' koerenza u effiċjenza politika mtejba permezz ta' xogħol trasversali bejn id-diversi ambiti tal-azzjoni u l-kumplimentarjetà ma' strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-FSE.

## 1.3. Għanijiet operattivi

L-għan operattiv għall-FSE huwa li jissimplifika l-implimentazzjoni. L-indikaturi li ġejjin huma magħżula bħala prokuri għall-grad ta' simplifikazzjoni: (i) assorbiment (mira: 100 %

---

[14] Fil-verità, il-programm PROGRESS attwali għandu bażi legali trippla. Madankollu, azzjonijiet implimentati fuq il-bażi tal-Artikolu 19 TFUE jaqgħu fi ħdan il-qasam tal-kompetenzi tad-DĠ ĠUST u se jifformaw parti mill-programmi post-2013 tiegħu.

[15] http://ec.europa.eu/internal_market/smact/index_en.htm

jew l-ebda diżimpenn awtomatiku), (ii) rata tal-iżball (mira: inqas minn 2 %), u (iii) użu tal-għażliet simplifikati tal-kost (mira: tal-anqas 75 % tal-kost totali tal-għotjiet). Għanijiet operattivi fil-livell ta' kontenut għandhom jiġu definiti fil-programmi operattivi.

L-għanijiet operattivi għall-FEG huma li jingħata appoġġ aktar mgħaġġel lill-ħaddiema li sfaw bla xogħol (< 8 xhur) u jkun hemm aktar ħidma sabiex mill-inqas 50 % tal-ħaddiema megħjuna jkollhom xogħol ġdid u stabbli fi żmien 12-il xahar.

Hemm għanijiet operattivi definiti wkoll għall-istrumenti ta' ġestjoni diretta.

## GĦAŻLIET TA' POLITIKA

L-għażliet meqjusa jkopru dawn id-dimensjonijiet li ġejjin: (i) kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, (ii) possibilitajiet għas-simplifikazzjoni l-kontabilità tal-kost tal-FSE, (iii) l-istatus tal-FEG u r-rabta mal-FSE, (iv) ir-relazzjoni bejn l-istrumenti ta' ġestjoni diretta u r-rabta mal-FSE. Għal kull dimensjoni, il-firxa tal-għażliet ikkunsidrat hija riżultat ta' djalogu mal-partijiet interessati u rakkomandazzjonijiet meħuda mir-riċerka f'dan il-qasam.

L-għażliet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-firxa tal-FSE minn fokus limitat fuq l-impjieg u l-mobilità għal kamp ta' applikazzjoni usa' sew li jinkludi miżuri ta' appoġġ għall-introjtu. Id-differenzi ewlenin bejn l-għażliet tas-simplifikazzjoni huma l-estent sa fejn għażliet differenti ta' rimborż simplifikati jistgħu jew għandhom jiġu introdotti u jekk dawn jistgħux jintrabtu mar-riżultati. Dan jirrifletti d-diskussjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

L-għażliet ikkunsidrati għall-FEG[16] ivarjaw minn kontinwazzjoni tal-istatus quo għal li jkollu baġit tiegħu innifsu, jew bħala parti mill-FSE jew bħala strument għalih.

L-għażliet ikkunsidrati għall-istrumenti ta' ġestjoni diretta huma kontinwazzjoni tal-istatus quo, programm wieħed integrat ta' ġestjoni diretta u l-integrazzjoni tal-istrumenti ta' ġestjoni diretta fi ħdan l-FSE.

L-għażla ta' politika tal-ebda finanzjament tneħħiet fi stadju bikri. Dan ikun ifisser it-twaqqif ta' appoġġ finanzjarju Ewropew għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol, tagħlim tul il-ħajja effettiv, promozzjoni tal-mobilità tax-xogħol, u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Dan jaffettwa direttament miljuni ta' ċittadini kull sena, itemm l-aktar espressjoni tanġibbli tas-solidarjetà fl-UE u jnaqqas ferm l-abilità li jkun hemm promozzjoni tal-impjieg fl-UE u l-għanijiet tal-politika soċjali.

## ANALIŻI U VALUTAZZJONI U TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

Din l-analiżi hija essenzjalment waħda kwalitattiva u tiffoka fuq l-impatti ekonomiċi u soċjali. Fuq nota ferm ġenerali, l-istrumenti kollha suppost għandhom jiffaċilitaw jew itaffu l-effetti tal-bidliet fl-istrutturi ekonomiċi, inklużi l-istrutturi tal-impjieg. Kif imsemmi fit-taqsima tal-

---

[16] Il-proposta riċenti MFF 2014-2020 wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG sabiex jinkludi assistenza lill-bdiewa li l-għixien tagħhom jista' jiġi affettwat bil-globalizzazzjoni. Dan kien ta' risposta għall-bżonn li jiġu ffaċilitati l-adattamenti meħtieġa mill-ftehimiet internazzjonali tal-kummerċ.

għanijiet, għalkemm il-politiki soċjali u tal-impjieg mistennija jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'karbonju baxx, dawn l-impatti jiddependu fuq l-implimentazzjoni konkreta tagħhom u mhux fuq id-dispożizzjonijiet legali direttament.

## 1.4. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE

F'termini ekonomiċi, FSE li jkun iffukkat preċiżament fuq politiki u azzjonijiet li jwasslu direttament għal impjiegi (inkluż l-appoġġ għall-edukazzjoni, iżda edukazzjoni terzjarja u vokazzjonali biss) se jiżgura *a priori* li l-FSE tikkonċentra fuq kompiti ekonomikament rilevanti. Madankollu, fokus fuq is-suq tax-xogħol għandu t-tendenza li jimplika fokus fuq l-individwi filwaqt li jista' jkun hemm xkiel fil-kisba tal-impjiegi pereżempju fid-djar. Jekk l-FSE jkun esklużivament iffukat fuq l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-taħriġ x'aktarx li jkun limitat wisq.

Mill-estrem ieħor, l-idea li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE jitwessa' biex ikun jinkludi l-appoġġ għall-introjtu, ma tantx hija approvata. L-infiq min-naħa tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet reġjonali fuq miżuri passivi qiegħed f'dimensjoni kompletament differenti minn dik tal-fondi potenzjalment disponibbli għall-FSE[17]. Barra minn hekk, li jiġi pprovdut appoġġ għall-introjtu huwa l-ewwel u qabel kollox obbligu nazzjonali jew reġjonali. Appoġġ lill-miżuri passivi jibdel in-natura tal-FSE u jista' wkoll jmur kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Barra minn hekk, kwalunkwe nfiq fuq miżuri passivi mhuwiex disponibbli għal attivitajiet oħrajn fejn jista' jiġi identifikat valur miżjud Ewropew.

L-għażliet tal-kamp ta' applikazzjoni differenti huma wkoll analizzati f'termini tal-kontribuzzjoni tagħhom lill-għanijiet speċifiċi tal-FSE. Kontribuzzjonijiet reali se jiddependu fuq deċiżjonijiet ta' finanzjament dwar kemm għandu jkun hemm allokament f'qasam politiku partikolari. Dawn se jitqiesu biss fil-kuntest ta' negozzjazzjonijiet mal-Istati Membri fuq programmi operattivi. L-istima hija għaldaqstant waħda kwalitattiva bbażata fuq ġerarkija ta' għanijiet.

Kamp ta' applikazzjoni tal-FSE wiesa' mingħajr l-inklużjoni ta' miżuri ta' appoġġ għall-introjtu, hija l-għażla preferuta. Dan għandu l-akbar possibilità li jiffavorixxi l-effiċjenza peress li jistgħu jiġu involuti aktar atturi u jiffavorixxi programmi mfassla aktar faċilment għall-bżonnijiet lokali u sistemi ta' implimentazzjoni stabbiliti.

---

[17] Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-baġit disponibbli għall-FSE kien ta' kważi EUR 76 biljun. Il-qafas finanzjarju multinannwali (MFF) jipprovdi li l-FSE jirċievi mill-inqas EUR 84 biljun għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' 7 snin bejn l-2014–2020.

**Tabella 1. Paragun tal-għażliet tal-kamp ta' applikazzjoni**

| | Għanijiet speċifiċi | | | | Spejjeż tal-opportunità |
|---|---|---|---|---|---|
| Għażliet | Impjieg | Edukazzjoni | Inklużjoni | Żvilupp tal-kapaċitajiet istituzzjonali | |
| 1.1 – Ebda bidla fil-politika | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 1.2 – Fokus fuq l-impjiegi | + | -- | -- | -- | + |
| 1.3 – Kamp ta' applikazzjoni wiesa' | = | = | + | ++ | - |
| 1.4 – Kamp ta' applikazzjoni wiesa' li jinkludi miżuri passivi | -- | - | - | + | - |

Spjegazzjoni: + ifisser impatt miżjud (jew kost tal-għażla) meta mqabbel ma' 'ebda bidla fil-politika'; - ifisser impatt imnaqqas (jew spiża tal-opportunità)

## 1.5. Simplifikazzjoni

L-għażliet jiddistingwu bejn l-estent safejn il-kalkolu standardizzat tal-kost u l-iskemi tar-rimborż huma introdotti u jekk dawn jistgħux jiġi assoċjati mal-prestazzjoni jew le. Skont l-'ebda bidla fil-politika', bl-użu volontarju ta' skemi bħal dawn, l-awtoritajiet ta' ġestjoni x'aktarx li se jibdew bil-mod jagħmlu aktar użu minn dawn il-possibilitajiet. L-għażla 3 tikkonsisti fl-assoċjazzjoni tal-pagamenti kollha ma' livelli ta' prestazzjoni miftiehma minn qabel. Filwaqt li dan jista' jissimplifika l-implimentazzjoni tal-programmi, hemm aktar possibilità li l-formulazzjoni tagħhom issir aktar kumplessa. Il-bżonn li jintlaħaq ftehim dwar il-livelli ta' prestazzjoni jista' jirriżulta f'effetti ta' 'skrematura' u jista' jiskoraġġixxi aktar azzjonijiet innovattivi. L-għażla 2 toffri aktar flessibilità (meta mqabbla mal-għażliet 1 jew 3), u tħalli lill-awtoritajiet ta' ġestjoni bl-akbar firxa ta' possibilitajiet biex jintroduċu s-simplifikazzjonijiet li huma jħossuhom li għandhom jintroduċu u li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Din hija l-għażla li mistennija toffri l-aktar mil-lat tal-għan operattiv u għalhekk din hija preferuta.

**Tabella 2. Paragun tal-għażliet tas-simplifikazzjoni**

| | 2.1 – Ebda bidla fil-politika | 2.2 – Approċċ proporzjonali | 2.3 - Approċċ preskrittiv |
|---|---|---|---|
| Effiċjenza | 0 | ++ | + |
| Flessibbiltà | 0 | + | - |
| Piż amministrattiv | 0 | + | - |

**Spjegazzjoni:** + ifisser aħjar meta mqabbla ma' 'ebda bidla fil-politika'; - ifisser agħar.

## 1.6. Relazzjoni bejn l-FEG u l-FSE

Jekk l-FEG jiġi inkorporat fl-FSE jew jekk l-FEG isir strument indipendenti u jkollu baġit għalih innifsu, x'aktarx li dan iwassal għal eżitu aktar mgħaġġel milli huwa attwalment possibbli. Madankollu, dan jibdel in-natura u l-profil tal-intervent, li għandu jibqa' wieħed eċċezzjonali. Apparti hekk, dan jiġi assoċjat ma' aktar riġidità f'termini ta' użu tal-baġit, filwaqt li l-bżonnijiet attwali huma ferm imprevedibbli fihom infushom. L-għażla tal-'ebda bidla fil-politika' toffri l-aktar flessibilità u ma tipprekludix aktar riformi sabiex il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet isir aktar malajr.

**Tabella 3. Tqabbil tal-għażliet tal-FEG**

| | 3.1 – Ebda bidla fil-politika | 3.2 — Inkorporazzjoni tal-FEG fi ħdan il-FSE | 3.3— Fond indipendenti b'linja tal-baġit tiegħu nnifsu |
|---|---|---|---|
| **Il-veloċità tal-implimentazzjoni,** | 0 | + | + |
| **Effiċjenza** | 0 | - | - |
| **Effettività** | 0 | 0 | 0 |

## 1.7. Rabtiet bejn l-FSE u l-istrumenti ta' ġestjoni diretta

Ir-riżultati ta' PROGRESS jalimentaw l-inizjattivi tal-politika li, fejn rilevanti, huma rinfurzati bil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom stess. Il-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali għandha tkun fil-livell ta' dawn l-inizjattivi tal-politika. L-analiżi tal-opinjonijiet u t-tqabbil sussegwenti huwa għaldaqstant limitat għall-kriterju ta' effettività, effiċjenza u koerenza.

Skont l-għażla tal-***'ebda bidla fil-politika'***, PROGRESS, EURES u l-Faċilità tal-Mikrofinanza Ewropea jibqgħu jeżistu bħala strumenti distinti flimkien mal-FSE. L-opportunità li tiżdied il-koerenza tal-politika billi l-PROGRESS jiġi assoċjat mal-appoġġ lill-impjieg indipendenti u l-intraprendenza pprovdut mill-Faċilità tal-Mikrofinanza u l-mobilità intra-UE tal-ħaddiema promossi mill-EURES, tintilef. M'hemm l-ebda kisba ta' effiċjenza li tista' toħroġ mir-razzjonalizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji. Għal dawn ir-raġunijiet, ***l-għażla 4.1*** qed titwarrab.

***L-għażla 4.2*** hija l-għażla preferuta. Din titlob li jkun hemm programm ġdid integrat għall-impjieg, il-politika soċjali u l-inklużjoni, li jlaqqgħu flimkien lill-PROGRESS, EURES u l-Faċilità ta' Mikrofinanzjament. Din l-għażla tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex iżżid il-koerenza tal-politika u l-impatt tal-istrumenti tagħha li jsegwu għanijiet ta' politika komuni. Din tippermetti wkoll kisbiet fl-effiċjenza meta mqabbla mal-***għażla 4.1*** f'termini ta' razzjonalizzazzjoni konsiderevoli tal-istrumenti ta' ġestjoni diretta, l-iffaċilitar tar-regoli u l-proċeduri ta' ġestjoni tagħhom, u flessibilità fl-allokazzjoni ta' riżorsi lill-prijoritajiet politiċi li dejjem jinbidlu. Qed issir enfasi fuq il-metodi innovattivi li jissieltu kontra dawk l-isfidi soċjali li ilhom jeżistu (tagħlim reċiproku, sħubijiet bejn atturi pubbliċi, privati u tat-tielet settur, investiment fl-intrapiżi soċjali). Sinerġija u komplimentarjetà mal-FSE tista' tinkiseb

aħjar permezz ta' kordinament adegwat mill-Kummissjoni, aktar milli bl-unjoni ta' dawn l-istrumenti mal-FSE, kif ikkunsidrat fl-***għażla 4.3***.

Id-differenza ewlenija bejn l-***għażla 4.2*** u l-***għażla 4.3*** hija li din tal-aħħar tipproponi li t-tliet istrumenti jerġgħu jiġu ragruppati mill-ġdid bħala komponent tal-FSE għall-ġestjoni diretta. Strument uniku bħal dan ċertament li se jsaħħaħ il-koerenza tal-appoġġ tal-baġit tal-UE, iżid il-volum (bil-parti tal-FSE) u jtejjeb il-konsistenza fl-implimentazzjoni. Kuntrarjament, dan iżid ir-riskju ta' tnaqqis fl-effiċjenza minħabba żieda fil-kumplessità. Madankollu, strument uniku se jkun jeħtieġ żewġ komponenti prinċipali, implimentati skont regoli ta' ġestjoni kompletament differenti (jiġifieri ġestjoni kondiviża, diretta u konġunta). Madankollu, din l-għażla tinvolvi riskji politiċi u istituzzjonali inerenti fl-adozzjoni ta' Regolament tal-FSE ikkumpikat iżżejjed. Għaldaqstant l-***għażla 4.3*** għandha titwarrab.

**Tabella 4. Tqabbil tal-għażliet għall-istrumenti ta' ġestjoni diretta**

| | **4.1 – Ebda bidla fil-politika** | **4.2 — Programm integrat ta' ġestjoni diretta** | **4.3 — Inkorporazzjoni fi ħdan l-FSE bħala komponent ta' ġestjoni diretta** |
|---|---|---|---|
| **Effiċjenza** | 0 | + | - |
| **Massa kritika** | 0 | + | + |
| **Koerenza u effettività** | 0 | ++ | + |
| **Riskji politiċi u istituzzjonali** | 0 | + | - |

**Spjegazzjoni:** + ifisser aħjar meta mqabbla ma' 'ebda bidla fil-politika'; - ifisser agħar.

MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

## 1.8. IL-FSE

Skont ir-Regolamenti attwali tal-Fondi Strutturali, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri: l-awtoritajiet ta' ġestjoni tagħhom huma meħtieġa sabiex titwaqqaf sistema ta' monitoraġġ u sabiex jiġu pprovduti rapporti annwali u rapport ta' implimentazzjoni finali. L-allokazzjoni ġenerali tar-responsabbiltajiet se tibqa' kif inhi. Madankollu, hemm xi aspetti dgħajfa fis-sistemi attwali ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-FSE. il-kwalità tad-dejta tvarja, il-metodi ta' ġbir tad-dejta jvarjaw bil-kbir minn Stat Membri għall-ieħor, u l-ebda tagħrif mhu pprovdut dwar l-intensità tal-appoġġ għall-individwi. Dan jikkumplika l-aggregazzjoni tar-riżultati fil-livell tal-UE jew l-ivvalutar tal-effetti fit-tul tal-interventi tal-FSE fuq parteċipanti individwali u fuq is-sistemi u l-ekonomija tal-Istati Membri b'mod ġenerali.

F'dan l-isfond, il-fokus ewlieni tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-futur se jkun fuq l-issettjar ta' standards minimi tal-kwalità u l-introduzzjoni ta' sett ta' indikaturi komuni obbligatorji. Dan għandi jiżgura li l-monitoraġġ jipproduċi dejta robusta u ta' min joqgħod fuqha u li l-evalwazzjoni tiffoka fuq l-ivvalutar tal-effettività u l-impatt tal-appoġġ tal-FSE.

1.1. Il-FEG

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Fil-ġejjieni, l-Istati Membri se jkunu obbligati li jimmonitorjaw speċifikament il-kisbiet tal-għanijiet operattivi, f'termini ta' nies li ġew integrati mill-ġdid fix-xogħol wara 12 u 24 xahar ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu sabiex jiġu vvalutati l-effettività u s-sostenibilità tar-riżultati u din se tkun segwita b'evalwazzjoni 'ex-post'.

## 1.9. Il-programm integrat għall-impjieg, il-politika soċjali u l-inklużjoni (l-Aġenda għall-Iżvilupp Soċjali)

Il-programm integrat għall-impjiegi, il-politika soċjali u l-inklużjoni se jibqa' ifukat fuq ir-riżultati u l-kisbiet aktar milli fuq ir-riżorsi u l-attivitajiet. Għal dan il-għan, il-programm integrat se jkun immonitorat fuq bażi annwali sabiex jiġi vvalutat il-progress lejn il-kisba tal-għanijiet operattivi u speċifiċi tiegħu b'referenza għal indikaturi ċari[18] u kif ukoll biex jippermetti kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa fil-prijoritajiet tal-politika u tal-iffinanzjament. Il-programm integrat se jgħaddi wkoll minn evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu u evalwazzjoni 'ex-post'. L-opportunità li tlaqqa' tliet strumenti se tippermetti lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-arranġamenti tal-evalwazzjoni u tnaqqas l-ispejjeż tagħhom.

---

18 Se jiġu żviluppati indikaturi fl-evalwazzjoni ex-ante għall-programm integrat.